**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexandra Farrugia Mamo**
**v**

**GIOVANNA sive JOAN PISANI**

**Illum, 4 ta' Marzu, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **GIOVANNA SIVE JOAN PISANI** ta' disgha w tletin sena, mart Joseph, bint Lucrezio Muscat u may nee Fenech, imwielda tas Sliema nhar d-disgha ta' April, 1961 u residenti 24, Triq Camenzuli, Sliema, detentrici tal-karta tal-identita numru 242261M giet mressqa quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, talli approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga

jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe hadet flejjes li jammkontaw ghal aktar minn mitejn hamsa w sebghin lira maltin u sebgha w erbghin centezmu liema flejjes jappartjenu lis-socjeta The Catalogue Company Limited, liema flejjes kienu gew fdati lilha bl-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan r-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depositu necessarju.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil imputata twiegeb li kienet hatja tal-akkuza addebitata lilha fl-ezami li sar mill-Qorti fis-seduta tal-erbgha ta' Marzu, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha.

Rat li l-imputata kkoperat bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tant li ammettiet l-akkuza odjerna fl-istqarrija li rrilaxxjajt nhar s-sitta ta' April 2001 kif jirrizulta minn ezami tal-istess stqarrija esibita fl-atti markata bhala dokument CSH 2.

Rat li l-imputata hallset lis-socjeta vittma s-somma li hija misapproprijat u cioe s-somma ta' mitejn hamsa w sebghin lira maltin u sebgha w erbghin centezmu, kif jirrizulta mir-ricevuti esibiti fl-atti bhala dokument CSH 4.

Rat li l-fedina penali tal-imuptata ma hiex wahda riflettarja izda ghandha biss reat wiehed registrat f'1995 dwar ksur tar-regolamenti naxxenti mill-Kap 341 meta nghatat *unconditional discharge* ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta,

**Ghaldaqstant tiddikjara li piena idoneja hija dik ta' multa u konsegwentement tikkundanna lil imputata GIOVANNA sive JOAN PISANI thallas multa ta' mija u hamsin lira maltin, liema multa ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghaxar liri u dan ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

i